**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 3**

**Rikors Maħluf Numru 44/2022 NC**

**Royal Travel Limited**

**vs.**

**CannaPharm Technologies Limited**

Illum 3 ta' Marzu 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Royal Travel Limited (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-18 ta' Jannar 2022 li jgħid hekk:

> *"1. Illi l-esponenti hija kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf u tlett mija u tlett ewro €21,303 rappreżentanti servizzi ta' aġent tal-ivjaġġar fuq medda ta' żmien lil-konvenut u dan kif jirriżulta mil-bosta invoices hawn annessi u immarkati bħala (Dok. 'RT 1');*

*2. Illi l-esponenti għall-bosta drabi interpellaw lill-konvenut sabiex jagħti l-ammont dovut lilhom iżda dan baqa' qatt ma ngħata, minkejja li l-konvenuti rikonoxxew għall-bosta drabi li l-bilanċ huwa dovut u l-istess konvenuti wiegħdu bosta drabi li se jagħmlu tali ħlas. Illi l-esponenti ma kellhom ebda għażla oħra għajr li jintavolaw dawn il-proċeduri.*

*3. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess attur jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma ta' l-istess attur, il-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont.*

*4. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat ripetutament sabiex jhallas l-imsemmi ammont huwa baqa inadempjenti u ma ħallasx.*

*5. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.*

*6. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Illi għalhekk, għar-raġunijiet premessi l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ, għall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf u tlett mija u tlett ewro €21,303 rappreżentanti servizzi ta' aġent tal-ivjaġġar fuq medda ta' żmien lill-konvenut u dan kif jirriżulta mil-bosta invoices hawn annessi u immarkati bħala (Dok. 'RT 1').*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali, kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni tiegħu".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ. Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Jannar 2022 (*a fol.* 33) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tallum u li s-soċjeta' konvenuta CannaPharm Technologies Limited ġiet ordnata sabiex tidher llum u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi minkejja li s-soċjeta' konvenuta CannaPharm Techonologies Limited ġiet debitament notifikata b'dawn il-proċeduri (*a fol.* 34 *tergo*), hija għażlet li ma tressaq l-ebda Nota skont Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u hija naqset milli tidher għas-seduta tallum u b'hekk għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat illi, fis-seduta tallum, il-konsulent legali tas-soċjeta' attriċi Royal Travel Limited ippreżenta Nota fejn fiha t-talba tas-soċjeta' attriċi ġiet ridotta għal ħmistax-il elf, seba' mija u tnejn u tmenin Euro (€15,782.00) u dana *stante* li fil-mori sar ħlas mis-soċjeta' konvenuta ta' ħamest elef, ħames mija u wieħed u għoxrin Euro (€5,521.00).

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi u mid-dikjarazzjoni maħlufa ta' Lillian Muscat in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi jirriżulta li s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf u tliet mija u tliet Euro (€21,303.00) rappreżentanti servizzi ta' aġent tal-ivjaġġar fuq medda ta' żmien lis-soċjeta' konvenuta u dan kif jirriżulta minn numru ta' *invoices* (Dok. "RT 1" – *a fol.* 7 *et seq.*). Jingħad ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet lis-soċjeta' konvenuta għall-ħlas dovut, l-ammont imsemmi baqa' ma tħallasx mis-soċjeta' konvenuta u li d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u li s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf u li ġie ridott fis-seduta tallum jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat l-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati. Il-Qorti ser tieħu konjizzjoni tan-Nota ppreżentata llum mis-soċjeta' attriċi fejn irriduċiet l-ammont oriġinarjament pretiż.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi Royal Travel Limited billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' Artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attriċi Royal Travel Limited <u>limitatament</u> għas-somma ta' ħmistax-il elf, seba' mija u tnejn u tmenin Euro (€15,782) u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Cannapharm Technologies Limited tħallas l-ammont ta' ħmistax-il elf, seba' mija u tnejn u tmenin Euro (€15,782) lis-soċjeta' attriċi Royal Travel Limited, liema somma tirrappreżenta servizzi ta' aġent tal-ivjaġġar kif fuq spjegat.

Finalment, tordna wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Royal Travel Limited u l-imgħaxijiet legali jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta CannaPharm Technologies Limited.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**